MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 585/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Olven Galea K.I. 100975(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hdax-il Ewro u sebgha u tletin centezmu (€511.37) dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C80013324* moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ hames mija u hdax-il Ewro u sebgha u tletin centezmu (€511.37), bl-imghax legali dekorribbli mit-23 t’Awwissu 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------